MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 48/2008

**Mobisle Communications Ltd (C 24655)**

**-vs-**

**Intercommercium Limited (C38976)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet lis-socjetà konvenuta thallas is-somma t'elfejn, erba' mija u hdax-il euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2,411.25c) - (Lm1,035.15c) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjetà konvenuta lil Mobisle Communications Limited skond Client Contact Number 1010985 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjetà attrici u dana fix-xhur ta' bejn Jannar 2007 u Lulju 2007. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 t'Ottubru, 2007, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjetà konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjetà konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li s-socjetà konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna s-socjetà konvenuta thallas is-somma t'elfejn, erba' mija u hdax-il euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2,411.25c) - (Lm1,035.15c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjetà konvenuta.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------